**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**30 ta' Mejju 2019**

**Rikors Numru 74/2016**
**Eugene Cardona**

**Vs**

**L-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta**
**maghrufa ukoll bhala Transport f'Malta u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2019**
**isem l-Awtorita` gie jaqra "Awtorita' ghat-Trasport f'Malta"**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Eugene Cardona** fit-8 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

"

1. *Illi fit-18 ta' Ottubru 2016 l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta maghrufa wkoll bhala Transport Malta tat id-decizjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A" fil-konfront tal-esponent;*

2. *Illi permezz ta' decizjoni moghtija mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta maghruf ukoll bhala Transport Malta (Transport Malta) u komunikat lill-esponent permezz ta' ittra mibghuta lilu datata t-18 ta' Ottubru 2016 (Dokument "A" – anness), l-istess Transport Malta imponiet komplessivament sitt mija u hmistax (615) -il punt ta' penali kontra l-esponent bhala "Tester" u ssospendiet il-licenzja li ghandu l-esponent bhala "VRT Tester";*

3. *Illi l-esponenti hass ruhu aggravat bid-decizjoni precitata tal-25 ta' Gunju 2013 moghtija minn Transport Malta kif esposta fl-istess ittra (Dokument "A") senjatament peress illi l-imsemmija decizjoni hija nulla u minghajr ebda effett fil-ligi, ma hijiex konformi mal-ligi, ma hijiex ekwu u gust u ma tikkonformax ruhha mal-principji tal-gustizzja naturali u ghalhekk qed jinterponi*

*umli appell mill-istess a tenur tal-artikolu 31(14) tal-Att Dwar l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (Kap 332 tal-Ligijiet ta' Malta) u dana ghas-segwenti ragunijiet:*

a. *L-ewwel u qabel kollox ghandu jinghad illi l-imsemmija decizjoni tat-18 ta' Ottubru 2016 (Dokument "A") hija leziva tad-drittijiet fundamentali tal-esponent hekk kif protetti mill-artikolu 6 tal-Ewwel skeda tal-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta, u dana peress illi tali decizjoni ttiehdet mill-istess Transport Malta li allegat l-irregolaritajiet fil-konfront tal-esponent u inghatat minghajr ma l-esponent kellu dritt ghal smigh xieraq, cioe' minn tribunal jew qorti indipendenti li setghet u li kienet qed tosserva l-principji legali bazilari ta' "nemo iudex in causa propria";*
b. *Illi di piu' l-imsemmija decizjoni tat-18 ta' Ottubru 2016 (Dokument "A") ma hijiex konformi mal-ligi, ma hijiex ekwu u gust u ma tikkonformax ruha mal-principji tal-gustizzja naturali in kwantu li hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjesta mill-ligi u anke peress illi r-ragunijiet li fuqhom hija bbazata l-istess decizjoni ma humiex riflessi f'dik id-decizjoni. L-imsemmija lanqas ma tghid kemm il-penalty point gie penalizzat l-esponent b'riferenza ghal kull allegata rregolartita' – haga li, bir-rispett kollu, l-esponent kellu kull dritt illi jigi mgharraf biha;*
c. *Illi f'kwalunkwe kaz ukoll l-imsemmija decizjoni tat-18 ta' Ottubru 2016 (Dokument "A") ma hijiex konformi mal-ligi, ma hijiex ekwu u gust u ma tikkonformax ruha mal-principji tal-gustizzja naturali in kwantu li l-esponent kien, skond l-istess provvedimenti kostituzzjonali precitati, intitolat ghal smigh xieraq **qabel** ma tittiehed decizjoni fil-konfront tieghu;*
d. *Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjoni hekk kif vantata fl-imsemmija decizjoni tat-18 ta' Ottubru 2016 (Dokument "A") li kienu gew kommessi rregolaritajiet da parti tal-esponent hija infondata fil-fatt u fi dritt u dan kif ser jigi ppruvat bl-aktar mod lampanti fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*
e. *Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, daqstant iehor, l-allegazzjoni li l-allegati rregolaritajiet deskritti fl-imsemmija tat-18 ta' Ottubru 2016 (Dokument "A") kellhom jinstabu mill-esponent meta ghamel il-VRT test fuq il-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni "JAD-513" u "GBQ-715" hija ukoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi ppruvat bl-aktar mod lampanti fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*
f. *Illi oltre dan l-esponent kien ben gustifikat li jirrilaxxa certifikat li l-imsemmija vetturi kienu ghaddew mill-VRT test, u dan kif ser jigi ppruvat bl-aktar mod lampanti fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*
g. *Illi ghalhekk l-penalty points u anke s-sospensjoni tal-licenzja ta' VRT Tester tal-esponent imposti fuq l-esponent permezz l-imsemmija decizjoni tat-18 ta' Ottubru 2016 (Dokument "A") huma nulli u minghajr effett fil-ligi u f'kwalsiasi kaz ghandhom jigu mhassra u revokati;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ghal dawk li jinghataw fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-esponent, filwaqt illi jirreserva li jressaq dawk il-provi kollha permessi mill-ligi u jghamel dawk is-sottomissjonijiet kollha permessi mil-ligi, jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jirrevoka d-decizjoni ta' Transport Malta tat-18 ta' Ottubru 2016 (Dokument "A") u tiddeciedi minflok billi thassar ghal kollox u tannulla l-penalty points u anke s-sospensjoni tal-licenzja ta' VRT Tester tal-esponent imposti fuq l-esponent skont l-imsemmija ittra ta' Transport Malta tat-18 ta' Ottubru 2016 (Dokument "A")."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** datata 29 ta' Novembru 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"1. Illi in linea preliminari, isem l-Awtorita' intimata huwa ndikat hazin ghaliex mhuwiex 'l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta' izda 'L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta'.*
*2. Illi l-kwistjonijiet kollha mqajma fis-sens li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponent ghal smigh xieraq huma kompletament bla bazi ghaliex fl-ewwel lok tali kwistjonijiet jistghu jitqajmu biss quddiem dawk il-qrati vestiti bil-gurisdizzjoni biex jiddeciedu kawzi indoli kostituzzjonali (xi haga li mhuwiex vestit bih, b'kull rispetto, dan it-Tribunal) u, fit-tiemi lok, l-Awtorita' rispondenti ghandha l-poter skont il-ligi – u lanqas jista' jkun altrimenti – illi tiddeciedi jekk kien hemm nuqqas da parti tar-rikorrent u timpani l-penali appozita u mbaghad ir-rikorrent ghandu d-dritt skont il-ligi li jappella minn tali decizjoni – kif filfatt qed jaghmel – quddiem dan l-Onorabbli Tribunal illi certament huwa enti aggudikattiva indipendenti u imparzjali u jsemma' lehnu u jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet kollha li jidhirlu xierqa in rispetto komplet tal-principji tal-fair hearing. Konsegwentement tali lanjanza hija kompletament bla bazi u ghandha tigi sommarjament michuda.*
*3. Illi similment hija kompletament bla bazi wkoll il-lanzjanza ventilata mir-rikorrent fis-sens illi d-decizjoni moghtija mill-Awtorita' rispondenti u li minnha qed isir dan l-appell odjern hija leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ghaliex hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjesta mil-ligi. Id-decizjoni moghtija hija wahda cara u sufficjentement motivate tant li r-rikorrent seta' facilment iressaq l-aggravji tieghu fl-appell minnu interpost anke fuq il-mertu tal-kaz. Ghalhekk dan l-aggravju huwa wkoll kompletament infondat u ghandu jigi michud.*
*4. Illi, fil-mertu, ir-rikors prezentat mir-rikorrent huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt u t-talba minnu maghmula ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghalhekk timmerita li tigi kkonfermata.*
*5. Illi l-Awtorita' intimata f'dan il-kaz ghamlet l-indagni taghha sew, korrettement u bl-ikbar responsabbilta' – u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza – u mir-rizultanzi ottenuti minn tali indagini l-Awtorita' intimata pprocediet sabiex, skont kif inhu stasbbiliti mil-ligi, tohrog l-avviz li qed jigi attakkat mir-rikorrent u timpani s-sanzjonijiet kif previst fl-L.S. 65.15. Illi assolutament mhuwiex minnu dak li qed jigi allegat mir-rikorrent fis-sens li huwa kien "ben gustifikat li jirrilaxxja certifikat li l-imsemmija vettura kienet ghaddiet mill-VRT test" u dan kif se jigi ampjament pruvat fit-trattazzjoni ta' dan l-appell."*

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 18 ta' Ottubru 2016 li permezz taghha gie mgharraf illi minkejja li bhala opertur u *tester* kien hareg rizultat ta' *pass* lill-vetturi bin-numri ta' registrazzjoni JAD 513 u GBQ 715 dan fil-fatt irrizulta li kellhom diversi nuqqasijiet u ghalhekk ma messhom qatt ghaddew mit-test tal-VRT. Ghal dawn in-nuqqasijiet gew imposti 615 punti ta' penalita` bhala *tester* u wkoll giet imposta fuqu multa ta' hdax-il elf ewro (€11,000) bhala operatur. In oltre l-Awtorita` intimata infurmat lir-rikorrent li kienet qieghda tissospendilu l-licenzja ta' *tester* ghal zmien sena.

**Eugene Cardona** spjega illi fir-rigward tal-vettura Mercedes JAD 513 din kollox kellha tajjeb meta ttiehdet ghat-test minn zaghzugh. Jghid li meta sar ir-*retest* skopra li kellha taht kollu tajn. Jispjega li lid-*dealer,* u sid ta' din il-vettura, huma ma jafuhx u qatt ma mar ghadhom. Fir-rigward tal-vettura GBQ 715 ir-rikorrent ammetta li kienet gratilhom il-hsara fil-magna tal-VRT fejn jidhlu *emissions* pero` ma ndunawx mill-ewwel u dan ghaliex l-istess magna ma tellghet l-ebda sinjal bhal ma jigri s-soltu meta jkun hemm xi difett fiha. Jispjega li meta gieli jaraw vettura ddahhan hafna iwaqqfuha minghajr ma jaghmlulha t-test u jghidu lil dak li jkun biex imur jirrangaha.

Mistoqsi in kontro-ezami kif ghadda l-vettura Peugeot mit-test meta it-test immarka FAIL ghal dak li jirrigwarda *front axle,* ix-xhud spjega illi dak it-test kienu regghu ghamluh u gie PASS u dan peress li l-vettura fl-ewwel test kellha t-*tyres* baxxi.

Mistoqsi dwar il-fatt li l-*brake efficiency* tal-vettura Mercedes gie FAIL jghid li dan hu dovut ghax il-vettura kienet ilha wieqfa. Mistoqsi kif allura lil Transport Malta baghtilhom rizultat ta' PASS ix-xhud wiegeb li din trid tirragunaha u tara x'inhi l-vettura.

Fir-rigward tal-*wipers* tal-Mercedes ix-xhud qal li dawn ma kinux imqattghin pero` kienu forsi ftit mikulin.

**Angelo Cardona**, assistent fil-garaxx tal-VRT in kwistjoni u iben ir-rikorrenti, spjega illi huwa kien prezenti ghat-test taz-zewg vetturi in kwistjoni. Fir-rigward tal-vettura JAD 513 tal-ghamla Mercedes jispjega li din kienet f'kundizzjoni tajba hafna u bhala prova ta' dan esebixxa ritratt tal-istess vettura (a fol. 58). Jispjega li mill-informazzjoni li kellu din il-vettura inbieghet lil xi zaghzugh li kien imur

biha gewwa xi ghalqa u kissirha. Jispjega li meta l-vettura regghet marret ghandhom wara li sabuha l-Pulizija fit-triq, kien hemm maghhom sidha li kien qallu li kien kissrilha l-magna u telaqha barra t-triq ghand il-mekkanik. Pero` jghid li meta sarilha l-VRT test l-ewwel darba kienet sew ghax ta' min kienet kien jibza' ghaliha.

Fir-rigward tal-vettura bin-numru GBQ 715 ix-xhud spjega li din ukoll kienet f'kundizzjoni tajba pero` peress li rrizultat hsara fl-apparat tal-*emissions* u ma kinux indunaw bih, ir-*readings* ma bdewx jimmarkaw sew. Jghid li pero` anke jekk il-magna kienet bil-hsara, xorta din il-vettura kienet tghaddi ghaliex kieku tara dahna fil-garaxx u tinduna li mhux se tghaddi.

Jispjega li wara li ndunaw bil-hsara huma gabu lit-tekniku David Gatt u rrangahielhom. Dan gie konfermat ukoll mill-istess David Gatt li spjega li qabel ma rranga l-apparat il-*flow* tal-arja kienet ristretta hafna u ghalhekk ma bediex jidhol *exhaust* fl-apparat u ghalhekk kien qed jaghti rizultat ta' *pass*.

Angelo Cardona spjega wkoll illi l-magna tal-VRT taqra l-*emissions* wehidha u ma jkun hemm l-ebda intervent uman.

**David Gatt,** tekniku fuq il-magni tal-VRT installati gewwa l-garaxx tar-rikorrent, spjega illi fejn jidhol *brake efficiency* ir-rizultat jista' jvarja jekk it-*tester* ma jikkonducix it-test b'mod preciz, iktar u iktar f'vettura bhall-Mercedes in ezami li kellha mekkanizmu partikolari. Jispjega li hu possibbli li fl-ewwel test il-*break efficiency* jigi *failed* peress li ma tkunx intuzat forza bizzejjed. Jispjega li dan hu dak li gara fil-kaz in ezami kif jirrizulta mill-forza uzata u murija fuq id-dokumenti taz-zewg testijiet li saru.

**Jesmond Portelli**, sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBQ 715, xehed illi fil-21 ta' Lulju 2016 huwa ha l-vettura tieghu tat-tip Peugeot 206 fil-garaxx tar-rikorrent u ghamel it-test tal-VRT. Jispjega li wara li sar it-test huwa gie moghti ricevuta u certifikat tat-test li kopja taghhom gew esebiti bhala JP1 u JP2.

**PS 1411 Noel Tanti** xehed illi bejn it-22 u t-23 ta' Lulju 2016 kien qieghed jaghmel ronda meta ra Mercedes ta' kulur abjad bil-bibien miftuhin, b'landa tal-ilma fejn il-*bonnet* u minghajr *seats*. Meta ghamel il-verifiki tieghu sab li din il-vettura suppost kienet iggaraxxjata. Wara skopra wkoll illi fl-istess vettura kien hemm kopja ta' test tal-VRT li kien juri li l-vettura ghaddiet mill-istess test. Ghalhekk eventwalment huwa ghamel rapport ma' Transport Malta u l-ufficjali

tal-imsemmija Awtorita` marru jispezzjonawha. Jispjega li huwa kkuntattja lis-sid, certu Borg u dan qallu li kien bieghha lil Tristan Tedesco. Spjega li meta huwa ra l-vettura l-ewwel darba din kellha l-*bonnet* jinghalaq b'*tie clip* u kollha daqqiet antiki u sadid. Jispjega wkoll li eventwalment il-vettura ttiehdet fil-garaxx fejn kien sarilha l-VRT fil-presenza tieghu.

**Charles Borg** spjega li l-vettura Mercedes JAD 513 kienet proprjeta` tieghu pero` kien bieghha lil wiehed zaghzugh li ismu ma kienx jafu pero` jista' jkun li jismu Christian ghall-prezz ta' seba' mitt ewro (€700). Jispjega li kien hadhielu go garaxx biex idurha pero` jghid li ma kinitx fi stat hazin imma kien jonqosha xi affarijiet ghaliex kellha xi ftit sadid. Jispjega li l-vettura kienet timxi u li l-magna kienet tajba. Jispjega li din il-vettura huwa xtraha bhala vettura iggaraxxjata u baqghat ghandu snin iggaraxxjata.

**Tristan Tedesco** spjega illi huwa kien xtara Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni JAD 513 minghand Carmelo Borg pero` qatt ma daret fuq ismu ghax is-sid ma kienx tah il-*log book*. Jghid li l-kundizzjoni taghha ma kinitx hazina u meta xtraha kien qieghed jippruvaha u spara pajp tal-magna ghax kienet sahnet. Ix-xhud spjega li pero` l-*body* ma kellux sadid u li ma jiftakarx jekk tellaghhiex ghall-VRT. Fuq suggeriment tad-difensur tar-rikorrent jekk kienx qieghed isuqha f'ghalqa ix-xhud wiegeb li iva u li abbandunaha fl-istess ghalqa. Jghid li wara li rrizultat il-hsara fil-vettura huwa rega' hadha fl-ghalqa ghand sidha peress li dan kellu ghalqa mimlija Mercedes zarmati. Jisjega li huwa ppruvaha ftit fl-ghalqa pero` ma telaqx biha ghax kien qieghed b'vettura ohra pero` wara hareg darba biha fejn mar il-Marsa u x'hin tar il-pajp halliha quddiem ghalqa. Fir-rigward tas-*seat* ta' wara x-xhud qal li dan kien jinqala' permezz ta' buttuna u li hu kien qalghu. Fir-rigward tat-*tyres* ix-xhud wiegeb li dawn kienu gew mibdula minn Charlie ma' ta' xi karozzi ohrajn li kellu.

**Joseph Mifsud,** ufficjal tal-Awtorita` intimata, spjega illi fil-25 ta' Lulju 2016 kellhom rapport minghand is-Surgent Noel Tanti illi fit-22 ta' Lulju 2016 kienu ttowjaw vettura li kienet fi stat hazin u li kienet ghaddiet mill-VRT gurnata qabel. Jispjega li meta hu u l-manager Lino Abela marru jaraw din il-vettura din kellha t-*tyres* lixxi, il-*headlamps* kienu msaddin, ir-*reflectors* kienu spiccuti, il-*wiper blades* kienu mqattghin, is-*seat* ta' wara maqlugh minn postu u affarijiet ohra li riedu jigu ccekkjati f'garaxx tal-VRT. Ghalhekk haduha fil-garaxx tar-rikorrent fejn meta rega' sarilha t-test m'ghaddietx mill-*parking brake test.* Jghid pero` li meta sarilha t-test originali l-*parking brake efficiency* kien 3 mentri l-minimu huwa 16 u li minkejja dan il-vettura xorta ghaddiet mit-test. Jispjega li wkoll l-*emissions* ta' din

il-Mercedes kienu gew 0, haga li fl-opinjoni tax-xhud kienet impossibbli. Ghalhekk meta raw dawn l-affarijiet, huma talbu lir-rikorrent jaghtihom rizultat ta' vettura ohra diesel u tahom tal-vettura Peugeot GBQ 715 li wkoll kellha *emissions* 0. Apparti minn hekk, din il-Peugeot kellha rizultat ta' PASS meta l-*front axle brake* kien juri FAIL. Ix-xhud esebixxa wkoll dokument b'zewg rizultati li baghat ir-rikorrent lill-Awtorita` intimata li juru li l-istess vetturi ghaddew mill-VRT (Dokument JM5 a fol. 238).

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jindirizza l-ewwel u qabel kollox il-kwistjoni mqajjma fl-ewwel paragrafu tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata dwar l-isem proprju tal-Awtorita` intimata. Ai termini tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta isem l-Awtorita` intimata huwa "Awtorita` ghat-Trasport f'Malta". Konsegwentement it-Tribunal qieghed jordna korrezzjoni fl-okkju.

Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa ta' indoli kostituzjonali u ghaldaqstant it-Tribunal mhux se jiehu konjizzjoni tieghu ghaliex m'ghandu l-ebda kompetenza jaghmel dan.

It-tieni aggravju tar-rikorrent huwa fis-sens illi d-decizjoni appellata hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni u li r-ragunijiet li fuqhom hi bazata l-istess decizjoni mhumiex riflessi fid-decizjoni. Di piu`, r-rikorrent jissottometti illi d-decizjoni appellata ma tinkludix kemm gie penalizzat ghal kull allegata infrazzjoni. Illi t-Tribunal josserva illi d-decizjoni appellata hija pjuttost dettaljata u ghall-kuntrarju ta' dak sottomess mir-rikorrent, kull infrazzjoni ghandha abbinat maghha l-punti ta' penalita`. Kwindi dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Illi permezz tat-tielet aggravju ir-rikorrent jishaq illi huwa kellu jinghata smiegh xieraq qabel ma ttiehdet id-decizjoni fil-konfront tieghu. Illi t-Tribunal josserva illi l-Awtorita` intimata mxiet proceduralment b'mod korrett. Josserva wkoll illi l-legislatur ipprovda ghal rimedju ta' appell quddiem dan it-Tribunal mid-decizjonijiet ta' l-Awtorita` intimata fejn kull appellant jinghata smiegh xieraq. Illi ghalkemm dan it-Tribunal ghalhekk ma jaqbilx illi l-Awtorita` intimata kellha obbligu li taghti xi smiegh lir-rikorrent, ikun ghaqli kieku, bhal f'kazijiet ohra, min ikun se jigi affettwat avversament minn xi decizjoni tal-Awtorita` intimata jinghata pre-avviz fejn ikun jista' jissottometti xi osservazzjonijiet ghad-difiza tieghu qabel ma' l-Awtorita` intimata tiehu d-decizjoni finali.

Illi l-aggravji rimanenti jikkoncernaw il-mertu veru u proprju.

Illi t-Tribunal se jibda biex jindirizza l-allegati infrazzjonijiet fuq il-vettura tat-tip **Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni JAD 513.** Illi gie stabbilit illi din il-vettura kienet tghajjat lil certu Charles Borg li jaghmilha ta' *dealer* u li skont is-Surgent Noel Tanti ma kellux licenzja biex jaghmel tali kummerc. Jirrizulta wkoll illi dan Borg kien biegh din il-vettura lil certu Tristan Tedesco pero` qatt ma nqalbet fuqu. Jirrizulta wkoll illi dan Tedesco kull m'ghamel idur b'din il-vettura kien cirka gurnata jew tnejn peress li zviluppat hsara u abbandunaha fil-Marsa.

Jirrizulta wkoll illi filwaqt li Tedesco jghid li hu ma ha l-ebda vettura ghall-VRT, ir-rikorrent jghid li kien proprju Tedesco, u mhux Borg, li hadha ghall-VRT. Prova ta' dan bhal perezempju r-ricevuta tal-VAT ma gietx esebita biex jigi stabbilit fuq min harget l-istess ricevuta.

Pero` apparti minn dan kollu, jirrizulta car illi meta nstabet din il-vettura fit-triq kienet fi stat hazin b'magna sploduta tant li lanqas setghet tinstaq u li ghalhekk kellha tigi ttowjata. It-Tribunal huwa tal-fehma illi f'gurnata jew tnejn din il-vettura ma setghax saritilha din il-hsara kollha. L-unika zewg affarijiet li forsi setghu saru minn min kien qieghed isuqha, jew inkella mid-*dealer* innifsu, huma l-fatt li nqala' s-*seat* ta' wara u wkoll il-bdil tat-*tyres* ghaliex dawn facilment setghu nbidlu wara li l-vettura ittellghet ghall-VRT, tenut kont ukoll illi d-*dealer* kellu ghadd ta' vetturi simili fil-pussess tieghu. Ghall-bqija tal-hsarat dan it-Tribunal ma jqisx illi x-xhieda tar-rikorrent ghandha mis-sewwa. Filwaqt li jista' jkun minnu, u x'aktarx hekk hu, li l-magna tal-VRT fejn jidhlu *emissions* zviluppat hsara u bdiet taghti rizultat ta' 0 *emissions,* it-Tribunal josserva illi fejn ried ir-rikorrent ta kaz ir-rizultat li hareg mill-magni tal-VRT u rega' ghamel it-test. Ghalhekk jew ir-rikorrent ma ezercitax dik id-diligenza necessarja biex ma ndunax li l-*emissions* kienu qed jaqraw 0 jew inkella ghazel li jinjora tali difett biex ikompli jahdem minghajr tfixkil. Kien x'kien il-kaz huwa naqas mill-obbligi tieghu ta' *tester* u ta' operatur li jara u jizgura li t-testijiet tal-VRT kienu qeghdin isiru kif suppost. Ghaldaqstant fir-rigward tal-vettura Mercedes JAD 513 it-Tribunal se jikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` intimata ad ecezzjoni tal-infrazzjoni indikata fid-decizjoni appellata bhala *overlooking a fault in seat structure* u wkoll dik indikata bhala *a fault in tyres*. Il-bqija tad-difetti l-ohra, u cioe`, li r-rikorrent injora s-segwenti:
***a fault in driving lights,***
***a fault steering other than torn bellows (right and left hand side),***
***a fault in suspension,***

***a fault in wipers,***
***a half shaft torn bellows (right and left hand side)***
dawn jirrizultaw u fil-fehma umli ta' dan it-Tribunal ir-rikorrent ma ta l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghala dan id-difetti hargu f'jumejn minn meta sar il-VRT. Dawn in-nuqqasijiet ovvjament iwasslu ghall-imposizzjoni ta' punti penali ulterjuri ghan-nuqqas tar-rikorrent milli jesegwixxi korrettement il-proċedura tat-test kif stipulat fil-manwal tal-VRT u l-emendi li jkunu saru għalih u li nstab ħati ta' reat gravi[1] li mhux bilfors hu marbut mal-ittestjar mandatorju ta' vettura iżda li jista' jaffettwa t-twettiq xieraq ta' test tal-VRT. Madankollu it-Tribunal jirrileva illi fir-rigward tal-infrazzjoni tan-nuqqas fir-rigward tad-difett fl-isteering ir-rikorrent kellu jigi punit darba u mhux darbtejn, ghalkemm il-hsara kienet kemm fuq il-lemin u x-xellug. Dan qieghed jinghad ghaliex ai termini ta' Partita 19 tat-Tnax-il Skeda ta' Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 l-infrazzjoni hija wahda u cioe` *"Tinjora difett jew tonqos milli tittestja l-istering li ma tkunx ħsara fil-bellows."* L-istess haga jista' jinghad ghall-infrazzjoni ai termini ta' Partita 29 fir-rigward li wiehed jinjora ħsara fil-*half shaft bellows.* Kwindi t-Tribunal se jirrevoka tali punti ta' penalita fir-rigward ta' Partita 19 u Partita 29 u jqishom bhala infrazzjoni wahda rispettivament. It-Tribunal se jirrevoka wkoll il-punti ta' penalita` ai termini ta' Partita 34 fir-rigward tan-nuqqas ta' ttestjar tal-istruttura tas-sedili u wkoll ai termini ta' Partita 20 fir-rigward tad-difett fit-*tyres.*

It-Tribunal sejjer issa jghaddi biex jezamina d-decizjoni appellata fir-rigward tal-vettura tat-tip **Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni GBQ 715.** L-infrazzjonjiet riskontrati fit-test ta' din il-vettura gew a konoxxenza tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata wara li talbu lir-rikorrent jaghtihom test iehor li sar fl-istess gurnata fuq vettura ohra li tahdem bid-diesel. Ir-rikorrent ipprezentalhom it-test tal-vettura in kwistjoni minn fejn innutaw li ghal darb'ohra l-valur tal-*emissions* kien 0 filwaqt li l-izbilanc fuq il-*front axle* kien iktar mil-limitu (ir-rizultat kien 44 meta l-limitu kien 30) u ghalhekk ir-rizultat kien FAIL. Pero` jirrizulta illi dan it-test kien rega' sar dak il-hin stess u l-valur tal-izbilanc gie 22 u kwindi *entro* l-limitu. Skond ma xehed David Gatt, din id-diskrepanza setghet kienet dovuta ghaliex ma ntuzatx forza bizzejjed fuq il-pedala. Fil-fatt minn Dok EC1 hdejn l-*item "front axle"* jidhru zewg valuri, u cioe` dik tax-xellug 426 Kgf u dik tal-lemin 470 Kgf.[2] Mentri mbaghad fuq Dok EC 2 jidhru l-valuri ta' 939 Kgf u 744 Kgf.[3] Dokument EC1 juri rizultat ta' FAIL ghal dak li jirrigwarda l-*front axle.* Dan it-test sar fil-21 ta' Lulju

[1] Ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi Bil-Mutur Huma Tajbin Ghat-Triq) reat huwa infrazzjoni tal-obbligi ta' tester jew operatur ai termini tat-Tnax-il Skeda tal-istess Regolamenti
[2] A fol. 153
[3] A fol. 154

2017. Dokument EC2 juri rizultat ta' PASS fir-rigward tal-istess *front axle*. Dan it-test sar fil-21 ta' Lulju 2017 ftit wara l-ewwel wiehed. Stante li l-izbilanc jinhadem abbazi ta' dawn il-valuri, allura bilfors li se johrog rizultat differenti. Illi r-rikorrent jaghti wkoll din l-ispjegazzjoni ghala l-valuri varjaw, principalment peress li t-*tyres* kienu baxxi. F'dan ir-rigward it-Tribunal huwa lest li jaghti l-beneficcju tad-dubju lir-rikorrenti. Pero` t-Tribunal ma jistghax ma jirrilevax illi ladarba l-ufficjali tal-Awtorita` intimata rriskontraw tali diskrepanza kien messhom ghajjtu lil sid l-istess vettura sabiex jerga' jtellaghha ghall-VRT sabiex jivverifikaw jekk fil-fatt il-valuri mnizzla fuq it-test ahhari kinux dawk reali. Madankollu xorta tibqa' l-infrazzjoni tat-test tal-*emissions* li fir-rigward it-Tribunal m'ghandux iktar x'izid ma dak li diga ntqal hawn fuq. Kwindi, ghalkemm it-Tribunal qed jaghti l-beneficcju tad-dubju lir-rikorrent rigward infrazzjoni wahda, dan xorta mhux se jkollu piz fuq il-punti ta' penalita` inflitti stante li l-Awtorita` intimata ma infliggietx punti ta' penalita` ghall-infrazzjonijiet individwali pero` applikat il-punti ta' infrazzjoni ai termini tal-Partita 7[4] u 12[5]. **Kwindi fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBQ 715 mhux se jkun hemm varjazzjoni fil-punti ta' penalita`.**

Fl-ahharnett it-Tribunal josserva illi r-rikorrent gie wkoll sospiz milli jopera bhala *tester* in vista li akkumula iktar minn 150 punt ta' penalita`. Illi t-Tribunal m'ghandu xejn x'jiccensura minn din id-decizjoni stante li l-Awtorita` intimata imxiet mad-dettami tal-ligi, senjatament Regolament 24 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.

It-Tribunal josserva wkoll illi l-Awtorita` intimata imponiet ukoll fuq ir-rikorrent *qua* operatur elf (1000) punt ta' penalita` li jattiraw maghhom multa ta' hdax-il elf ewro (€11,000) in vista li abbazi tal-infrazzjonijiet imsemmija huwa kien kiser Regolament 10 (1) (j) u (r) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Regolament 10 (1) (j) jghid is-segwenti *"operatur għandu josserva f'kull ħin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jiżguraw li dawn huma tajba għat-triq skont dawn ir-regolamenti,u approvati mill-Awtorità."*

Regolament 10 (1) (r) jghid is-segwenti *"operatur m'għandu, taħt l-ebda ċirkustanza, joħroġ riżultat pożittiv ta' test sakemm ma jkunx sar test komplet*

[4] *"Instabt ħati ta' reat gravi li mhux bilfors hu marbut mal-ittestjar mandatorju ta' vettura iżda li jista' jaffettwa t-twettiq xieraq ta' test tal-VRT."*

[5] *"Tonqos milli tesegwixxi korrettement il-proċedura tat-test kif stipulat fil-manwal tal-VRT u l-emendi li jkunu saru għalih jew li tirreġistra data korretta tal-vettura kif stipulat fil-manwal tal-VRT qabel ma tagħmel test uffiċjali fuq dik il-vettura partikolari"*

*u l-oġġetti kollha li kellhom jiġu ttestjati jkunu konformi mal-kundizzjonijiet u standards meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' test magħmul mill-ġdid sakemm dak it-test ma jkunx komplet u l-persuna li tagħmel it-testijiet fuq il-vetturi ma tikkonfermax li t-tiswijiet meħtieġa jkunu saru."*

Illi minn dak ikkonstatat iktar 'il fuq huwa car illi r-rikorrenti, *qua* operatur, kiser il-kundizzjonijiet msemmija, liema ksur jattira mieghu l-penali u l-multa imposti.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed limitatament jilqa' l-appell tar-rikorrenti in kwantu fir-rigward tal-vettura **Mercedes bin-numru ta' registazzjoni JAD 513** qieghed **jirrevoka** d-decizjoni appellata in kwantu imponiet **10 punti ta' penalita` fir-rigward tan-nuqqas ta' testjar tas-sedili u in kwantu imponiet 50 punt ta' penalita` fir-rigward tad-difett fit-*tyres.*** **Jirrevoka** wkoll **sebghin (70) punt ta' penalita` fir-rigward tad-difett riskontrat fl-isteering u fil-*half shaft bellows*** biex ir-rikorrent jigi penalizzat darba biss ghal kull infrazzjoni u mhux kif imnizzel ghall-parti tal-lemin u ghall-parti tax-xellug, pero` jikkonferma l-bqija tad-decizjoni appellata, inkluz is-sospensjoni tal-licenzja ghal sena lir-rikorrent *qua tester* u wkoll il-punti ta' penalita u multa imposta *qua* operatur.

Bl-ispejjez in kwantu zewg terzi ghar-rikorrent u terz ghall-Awtorita` intimata.

________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**